# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta’ nhar il-Erbgha 25 t’April, 2001

**Numru : 28**
**Citaz. Numru : 511/01/RCP**

**Law Quintano Co Ltd**

**vs**

**M.A. Supermarkets Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erbatax-il elf, mija erbgha u tletin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm14,134.25) ammont rapprezentanti merkanzija diversa mibjugha u debitament ikkonsenjata fuq talba ta’ l-istess socjeta' konvenuta, skond kif jirrizulta mill-*istatement*

relattiv, mahrug mis-socjeta` attrici, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa, ezebita u mmarkata bhala Dok. A;

Illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx dan l-ammont minkejja li giet interpellata sabiex taghmel dan;

Illi dan l-ammont hu cert likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici, is-socjeta` konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess.

Illi, ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti, ma ghandhiex:

1. Tikkundannaha illi thallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' erbatax-il elf, mija erbgha u tletin Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm14,134.25), lilha dovuta kif fuq premess u dan bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Marzu 2001, u tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru, ipprezentati kontestwalment ta' din il-kawza bin-Numbri 930/01 u 928/01 rispettivament, u interessi kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Nicolai Balzan ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti l-ohra annessi.

Rat li socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta:

1. Thallas lis-socjeta' attrici, is-somma ta' erbatax-il elf, mija erbgha u tletin Lira Maltin u hamsa u

ghoxrin centezmu (Lm14,134.25), lilha dovuta kif fuq premess.

BI-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Marzu 2001, u tal-Mandat ta' Qbid u l-Mandat ta' Sekwestru, ipprezentati kontestwalment ta' din il-kawza bin-Numbri 930/01 u 928/01 rispettivament, u interessi kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**25 t'April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 t'April, 2001**